MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 97/2014

**Francis [205139M] u Alfrieda [346743M] konjugi Montebello**

**vs**

**Mariella Spiteri [559879M]**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond residenzali Flat 1, 'Happy Days', gia' 'Andromeda Flats' fi Triq Barnaba, Qawra u dana skont il-kuntratt ta' komprovendita fl-atti tan-Nutar Pubbliku Mario Bugeja datat 11 ta' Dicembru, 2003 (Dok A);

2. Illi permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Novembru 2013 (Dok B) l-imsemmi fond gie mikri lill-intimata ghall-perjodu ta' sena, u cioe' sal-11 ta' Novembru, 2014;

3. Illi minkejja illi ghadda l-isemmi terminu u minkejja diversi interpellanzi kemm verbali da parti tar-rikorrenti kif ukoll bil-miktub (vide Dok C.), l-intimata baqghet tiddetjeni l-imsemmi fond a detriment tar-rikorrenti;

4. Illi ghalhekk fil-jum tal-prezentata tal-prezenti kawza, l-intimata qieghda tiddetjeni l-imsemmi fond minghajr ebda titolu fil-ligi u dana billi illum m'hemm l-ebda lokazzjoni;

5. Illi r-rikorrenti kellhom iressqu din il-kawza billi l-intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalhekk l-intimata fil-kawza odjerna m'ghandha l-ebda linja difensjonali x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob li dan il-Bord jghogbu;

1. Jilqa’ t-talba ghall-izgumbrament tal-intimata minghajr ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza;

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond residenzjali bl-indirizz Flat 1, ‘Happy Days’ gia’ ‘Andromenda Flats’ fi Triq Barnaba, Qawra.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.

B’riserva minn issa ghall-azzjoni in linea ta’ danni fil-konfront tal-intimata ghall-okkupazzjoni illegali taghha u ghad-danni subiti mir-rikorrenti.

Ra illi l-intimata debitament notifikata dehret sabiex titlob l-awtorizazzjoni ta’ dan il-Bord sabiex tikkontesta l-kawza;

Ra illi fis-seduta tal-lum, l-Bord cahad it-talba tal-intimata li tkun awtorizzata tikkontesta l-kawza meta bil-gurament semgha lill-istess intimata u ddikjarat illi taf illi l-kirja mertu tal-kawza intemmet wara li gie fi tmiemu l-perjodu lokatizzju izda xorta wahda baqghet tokkupa l-fond ghaliex ghadha ma sabitx post iehor fejn tghix peress illi ma tiflahx thallas ghal prezzijiet li qed tintalab minghand terzi;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnhom maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimata ma ghandha l-ebda opposizzjoni x’tista’ taghmel skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta’ smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

L-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------